3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-BĊE ma ħax inkunsiderazzjoni b'mod xieraq in-natura diskrezzjonali tad-deċiżjoni.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-BĊE ma evalwax il-punti ta' fatt rilevanti u naqas milli jagħmel dan b'imparzjalità u b'oġġettività.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li l-BĊE kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità.
6. Is-sitt motiv ibbażat fuq il-fatt li l-BĊE kiser il-prinċipju ta' *nemo auditur*.
7. Is-seba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-BĊE wettaq żball ta' liġi fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu dwar il-preżunzjoni ta' innoċenza.
8. It-tmien motiv ibbażat fuq il-fatt li l-BĊE kiser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u aġixxa b'mod diskriminatorju.
9. Id-disa' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-BĊE kiser l-Artikolu 19 u l-premessa 75 tar-Regolament MSU u wettaq użu ħażin ta' poter.
10. L-għaxar motiv ibbażat fuq il-fatt li l-BĊE kiser id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti kif ukoll id-dritt għal smigħ tagħhom.
11. Il-ħdax-il motiv ibbażat fuq il-fatt li l-BĊE naqas milli jipprovdi deċiżjoni motivata b'mod adegwat.

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63).

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Novembru 2018 – Berliner Stadtwerke vs EUIPO (berlinGas)**

**(Kawża T-595/18)** ([1])

(2019/C 72/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

Il-President tal-Qorti Ġenerali ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 436, 3.12.2018.